

31996D0572

L 250/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

2.10.1996

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Settembru 1996

**li temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 91/270/KEE u 92/471/KEE dwar l-importazzjoni ta' embrjoni ta' animali domestiċi ta' l-ispeċi bovina mill-Arġentina**

(Test b-rilevanza għall-Ftehim EE)

(96/572/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi, u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrjoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovin<sup>(1)</sup> kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/113/KE<sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikoli 7, 9 u 10 tagħha,

Billi l-lista tal-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-embrijoni ta' animali domestiċi ta' l-ispeċi bovin li tidher fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/270/KEE<sup>(3)</sup> kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni Nru 94/453/KE<sup>(4)</sup>;

Billi l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għal importazzjoni ta' embrjoni ta' annimali bovini minn pajjiżi terzi huma mniżżla fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/471/KEE<sup>(5)</sup> kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 94/453/KE;

Billi l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Arġentina wegħdu li jinnotifikaw lill-Kummissjoni u l-Istati Membri permezz tat-telex jew fax fiż-żmien 24 siegħa tal-konferma ta' kull ġrajja ta' xi wiaħda minn dan il-mard li ġej: rinderpest, il-marda ta' l-isien u d-dwiefer, pluripnemonia li tittieħed bovina, bluetongue, il-marda ta' l-emoraġġija epiżootika, deni tar-Rift Valley u vesicular stomatitis li tittieħed jew bidliet fil-politikà tat-tilqim kontra tagħhom;

Billi s-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali fl-Arġentina hija soddisfaċenti mil-lat ta' importazzjoni ta' embrijoni bovini;

Billi s-servizzi veterinarji f'dak il-pajjiż huma strutturati kif imiss u organizzati u billi l-garanziji dwar il-konformità mar-regoli mniżżlin fid-Direttiva 89/556/KEE ingħataw mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż;

Billi l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Arġentina obligaw ruħhom li jiżguraw li l-embrijoni jkunu nġabru jew ġew prootti u pproċesati minn gruppi approvati u sorveljati ta' ġbir u produzzjoni, li jkunu, kif xieraq, inkisbu minn annimali ta' status sodisfaċenti ta' saħħa, li kienu nħażnu u nġarru skond ir-regoli li jippreservaw l-istatus tagħhom tas-saħħa u li huma akkumpanjati matul it-trasport b'ċertifikat ta' saħħa ta' l-annimali sabiex sabiex jiġi assigurat li din l-obbligazzjoni tkun ġiet imħarsa;

Billi l-lista ta' pajjiżi terzi min fejn l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovin għandha tiġi emendata u l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali għal importazzjoni ta' embrjoni mill-Arġentina għandhom jiġu preskritti;

Billi l-miżuri li għalihom tippovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Mal-lista ta' pajjiżi li jidhru fl-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 91/270/KEE, dan il-pajjiż li ġej huwa miżjud:

"L-Arġentina."

## Artikolu 2

Mal-lista ta' pajjiżi li jidhru fl-Anness A, t-Taqsima II, tad-Deċiżjoni 92/471/KEE, dan il-pajjiż li ġej huwa miżjud:

"L-Arġentina."

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fl-24 ta' Settembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, tad-19.10.1989, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 53, ta' l-24.2.1994, p. 23.

<sup>(3)</sup> ĠU L 134, tad-29.5.1991, p. 56.

<sup>(4)</sup> ĠU L 187, tad-22.7.1994, p. 11.

<sup>(5)</sup> ĠU L 270, tal-15.9.1992, p. 27.